MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Numru 444/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**STEFAN SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Stefan Spiteri, ta’ 21 sena bin l’ Vincent u Mary nee’ Degabriele, imwieled Pieta, nhar 04/01/84, residenti fil-fond numru 37, Paceville Avenue, Paceville, u/jew 49, Triq l-Ortolan, San Gwann, detentur tal-Karta ta’ l-Identita numru 291284M.

Billi gie akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar il-15 ta’ Mejju 2005, gewwa Bugibba San Pawl il-Bahar, b’diversi atti

maghmulien bejn is-sitta u s-sebgha u nofs ta filghaxija li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulien b'rizoluzzjoni wahda;

Billi iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat sar ai termini tal-artikolu 110(2) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

U billi gie akkuzat talli matul ix-xaghar ta Awissu u tlett xhur ta' qabel uza apparat tat-telekomunikazzjoni ghal ghanijjiet li ma kinux dawk ipprovduti ghalih u dan bi ksur ta' l-Artikolu 35 1(d), ta' l-Att numru XXXIII ta' l-1997 u cioe' Att biex jirregola it-telekomunikazzjoni.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok PJM1 u nnutat li l-imputat Stefan Spiteri m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Therese Sciberras iddikjarat li l-Prosekuzzjoni qeghda tirtira l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat li tinkwadra ruhha fl-artikolu 35(1)(d) tal-Att numru XXXIII ta' l-1997.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat li minn verifiki li ghamlet personalment jirrizulta li l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18 u 110(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Stefan Spiteri, fuq ammissjoni, hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-eta' tenera tal-imputat u li skond dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum il-fedina penali tal-imputat hija wahda netta, tillibera lill-imputat Stefan Spiteri taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Rigward it-tieni akkuza migjuba kontra l-imputat Stefan Spiteri li tinkwadra ruhha fl-artikolu 35(1)(d) tal-Att XXXIII ta' l-1997 din l-akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Stefan Spiteri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------